# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Gunju 2023**

**Rikors Nru : 188/2023 JPG**
**Kawza Nru : 28**

**MA**
**Vs**
**JA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' MA datat 30 ta' Marzu 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), minn liema zwieg kellhom tifel bl-isem IA, li twieled nhar X, u ghalhekk ghadu minorenni;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-(17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Reuben Debono, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien mis-sebgha u ghoxrin (27) t' Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021);*

4. *Illi filwaqt li l-partiijet iddekadew mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin, l-intimat JA qieghed jissomministra s-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar lill-esponenti bhala manteniment ghall-minuri, u dan qieghda tircevih;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Diretur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datat 4 ta' Mejju 2023 a fol 24, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi huwa jaqbel mal-premessi tal-attrici (anness affidavit Dok A);*

2. *Illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi z-zwieg taghhom mal-attrici MA jigi mahlul permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi huwa m'ghandux ikun responsabbli ghall-ispejjes involuti;*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 27) illi l-partijiet izzewgu nhar lil-11 ta' Mejju 2013, u minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Reuben Debono nhar is-17 ta' Jannar 2023 izda sseparaw de facto nhar is-27 ta' Ottubru 2021. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 15) u kkonferma u kkorrabora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Mejju 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 871/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 28). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono nhar is-17 ta' Jannar 2023 (Vide fol 5 et seqq.)  izda jirrizulta illi l-partijiet isseparaw de facto fis-sena 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 871/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**